# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 19 ta' Dicembru tas-sena 2001.**

**Numru 14**

**Avviz numru 282/01/SM**

**Atlas Insurance Agency Ltd u dawn bhala agenti ta' AXA Insurance plc ga' Guardian Royal Exchange plc kif surrogati fil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurat taghhom John Farrugia u John Farrugia f'ismu proprju.**

**vs**

**Anthony Cutajar**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-5 t'April tas-sena 2001 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas is-somma komplessiva ta' LM361.87,0 (tliet mija u wiehed u sittin lira Maltin u seba' u tmenin centezmi) danni mhallsa mill-attur nomine fuq vettura MIC 212 assikurata comprehensive u ghal liema somma l-attur nomine jinsab surrogat fid-drittijiet ta' John Farrugia hlief ghall-hamsa u ghoxrin lira Maltin (LM25) excess mhallsa minn John Farrugia u dan b'rizultat ta' habta li grat fil-21 ta' Dicembru, 2000 gor-Rabat waqt li kien qed isuq il-vettura LAA 973 habat mal-vettura MIC 212 proprjeta' ta' John Farrugia u misjuqa minnu u ghall-liema incident hu kien unikament responsabbli;**

2. **Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja tas-6 ta' Frar 2001 u bl-imghax tat-8 % fuq LM361.87,0 mis-6 ta' Frar 2001 sal-hlas effettiv u bl-ispejjez tal-ittra ufficjali bid-data tal-prezentata kontra Montaldo Insurance Agency Ltd assiguraturi tal-konvenut Anthony Cutajar kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-30 ta' Mejju tas-sena 2001 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-incident in kwistjoni gara unikament tort ta' l-attur John Farrugia;**

2. **Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet lir-rapprezentanti legali tal-partijiet jawtorizzawha tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi sottomessi;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident in dizamina sehh fil-21 ta' Dicembru tas-sena 2000 ghall-habta ta' l-4.00 p.m. fit-tela' tas-Saqqajja r-Rabat u kienu nvoluti l-vetturi tal-marka Seat Cordoba bin-numru LAA-973 misjuqa mill-konvenut u dik tal-marka Opel Astra bin-numru MIC-212 misjuqa minn John Farrugia;**

2. **Illi l-incident de quo sehh meta l-attur Farrugia kien isuq fid-direzzjoni mir-Rabat ghall-Belt u l-konvenut isuq fid-direzzjoni opposta;**

3. **Illi l-incident sehh hekk kif il-konducenti kienu qed jimmanuvraw il-kantuniera tas-Saqqajja hdejn il-bini ta' l-Iscouts;**

4. **Illi l-hsarat sofferti mill-partijiet de quo gew regolarment ipprovati;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-incident de quo seta' facilment jigi evitat li kieku l-konducenti ezercitaw dik il-prudenza necessarja fis-sewqan;**

**Illi l-prudenza tirrikjedi li konducent ta' vettura jipprevedi l-problemi fit-triq u mhux jezasperhom;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tqis liz-zewg konducenti protagonisti huma ugwalment responsabbli ghall-incident de quo;**

**Illi in vista tal-premess din il-qorti tiddeciedi li:**

1. **Tiddikjara lill-attur John Farrugia u l-konvenut Anthony Cutajar ugwalment responsabbli ghall-incident in dizamina;**

2. **Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' tlett mija u wiehed u sittin Lira Maltin u seba' u tmenin centezmi, (LM361.87,0);**

3. **Tikkundanna lill-konvenut Anthony Cutajar biex ihallas lill-atturi l-ammont ta' mija u tmenin Lira Maltin u tlieta u disghin centezmu,**

**(LM180.93,0), bl-ispejjez jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**